# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-5 ta' Dicembru, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 1501/18**

**Carmel *sive* Charles Cuschieri**
**(Karta tal-Identita`Numru 661556 M)**
**u Maria Stella mart l-istess Carmel**
**Cuschieri (Karta tal-Identita`Numru**
**711355 (M))**

**vs.**

**Vella (*Estates Limited* (C – 9908),**
***Velmond Limited* (C – 24321),**
**u *Vinco Limited* (C – 14479)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat il-25 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll il-25 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1 u 5);

3. Rat ir-risposta ta' Vella *Estates Limited* datata d-29 t'Ottubru, 2018, (ara foll 8);

4. Tirrileva li *nonostante* r-risposta indikata fil-paragrafu precedenti kemm is-socjeta` intimata hemm indikata kif ukoll is-socjetajiet l-ohra hemm indikati, huma fi stat ta' kontumacju, (ara foll 10);

5. Rat il-verbal datat id-29 ta' Novembru, 2018, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tas-socjetajiet intimati Vella *Estates Limited* u *Velmond Limited* informa lill-qorti li l-istess socjetajiet kienu lesti jhallsu l-vertenzi minnhom dovuti, (ara foll 10);

6. Rat il-verbal datat il-5 ta' Dicembru, 2018, li permezz tieghu l-istess abbli rapprezentant legali tas-socjetajiet indikati fil-paragrafu precedenti informa lill-qorti li kien munit bl-ammonti minnhom dovuti lir-rikorrenti u kien lest biex jeffettwa l-pagamenti dovuti *seduta stante*;

7. Illi jirrizulta ghalhekk li l-pagament *de quo* ma giex effettwat ghaliex la r-rikorrenti u lanqas l-abbli rapprezentant legali taghhom ma pprezentaw ruhhom ghall-udjenza ffissata, u dan ukoll, *nonostante* li qorti tat l-opportunita` lill-istess biex jidhru billi stenniethom inutilment;

Ikkunsidrat:

8. Illi permezz tar-rikors guramentat in dizamina r-rikorrenti qed jittutelaw id-drittijiet taghhom indikati fl-istess rikors;

9. Illi minn ezami tad-dokumenti pprezentati *in atti* u tal-verbali fuq indikati jirrizulta li minkejja l-inerzja taghhom, ir-rikorrenti xorta wahda ppruvaw il-kaz taghhom fil-livell legali tal-*prima facie* statutorjament rikjest;

10.0. Illi konsegwentement tqis li l-istess rikorrenti issodisfaw il-precetti legali rikjesti f'din il-procedura, u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

10.2. Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat il-25 ta' Settembru, 2018, b'mod li issa l-mandat in dizamina jinhareg b'mod permanenti;

10.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra is-socjetajiet intimati.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**